MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru 598/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Charles Cyrille Nonga**
**Silas Eugene Djoko**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati, Charles Cyrille Nonga ta' 31 sena bin Emile u Jeanne nee' Ngo Nloga, mwieled Douta Cameroon fid-29 ta' Jannar, 1979 u joqghod C Pedraforca 108 PBJ 1 Barcelona, Barcelona Spanja, detentur ta' passaport tal-Cameroon numru 01306467 u lil Silas Eugene Djoko ta' 28 sena bin Maurice u Marie nee' Wachum, imwieled Baham Cameroon fit-2 ta' Jannar, 1982, u joqghod C Mossen Jaume Busquets 36 PRL 1, L'Hospitalet De Llobregat Barcelona Spanja, detentur ta'

passaport tal-Cameroon numru 899840 li gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

Fl-10 ta' Gunju, 2010 u fil-granet precedenti f'dawn il-Gzejjer, assocjaw ruhhom ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-Istampa, ai termini tal-artikoli 18 u 48A tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatji ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputati ghandhom fedina penali netta kif ukoll il-fatt li huma rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri izda kkundsidrat ukoll il-gravita' tar-reat li l-imputati assocjaw ruhhom sabiex iwettqu u ghalhekk jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva anke jekk fil-minimum imponibbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 18, 48A, u 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessa u tikkundannahom tlett (3) xhur prigunerija kull wiehed b'effett millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-dokumenti esebiti u mmarkati bhaal Dok MC5.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien ma’ l-atti ta’ dawn il-proceduri jintbghatu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------